ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**LIVELLI**

**5 – 6 – 7 – 8**

**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2014**

**L-EWWEL SENA** **L-ISTORJA** **L-ISKEMA TAL-MARKI**

1. Agħti marka għal kull tweġiba tajba skont dan l-ordni kronoloġiku: 4, 1, 2, 3. (4)

**(Total: 4 marki)**

2. Agħti marka għal kull tweġiba tajba skont dawn it-tweġibiet:




**(Total: 6 marki)**

3. Marka għal kull tweġiba tajba f'din l-ordni:

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Żmien il-Preistorja | 2 | Żmien ir-Rumani | 3 | Żmien il-Griegi | 4 | Żmien il-Feniċi | 5 | Żmien il-Preistorja |
| 6 | Żmien l-Eġizzjani | 7 | Żmien il-Feniċi | 8 | Żmien ir-Rumani | 9 | Żmien l-Eġizzjani | 10 | Żmien l-Eġizzjani |

**(Total: 10 marki)**

4. Agħti marka għal kull tweġiba tajba:
4.1 Veru (1)
4.2 Falz (1)
4.3 Veru (1)
4.4 Veru (1)
4.5 Falz (1)

**(Total: 5 marki)**

5.1 L-istudenti jistgħu jsemmu tnejn minn dawn, kif ukoll xi tempji preistoriċi oħra li mhumiex f'din il-lista: *Ħaġar Qim, Imnajdra, Kordin, Ġgantija, Ta' Ħaġrat, Tal-Imġarr, Ta' Ħaż-Żebbuġ, eċċ.* (2)
5.2 Tempju hu mibni, filwaqt li ipoġew hu mħaffer; Tempju hu mibni fuq l-art, filwaqt li ipoġew hu taħt l-art; Tempju kien post fejn isiru sagrifiċċji filwaqt li ipoġew kien post ta' dfin. *L-istudenti għandhom isemmu żewġ differenzi.* (2)
5.3 Kienu jintużaw biex isiru ċerimonji reliġjużi. (1)
5.4 Mibni b'ġebel kbir (1)
5.5 Qabel Kristu (1)
5.6 L-istudenti jistgħu jsemmu tnejn minn dawn jew xi mezzi oħra li mhumiex imsemmija hawn: *tinda, jidħlu numru limitat ta' viżitaturi, passaġġi tal-injam mibnija 'l fuq mill-passaġġ oriġinali, kontroll tal-umdità, eċċ.* (2)
5.7 L-żbalji huma dawn: żveljarin, xegħel id-dawl, knisja, nota, logħba ballun. (6)

**(Total: 15-il marka)**

6. It-tweġibiet tajbin huma f'dan l-ordni kronoloġiku, minn fuq għal isfel tat-tabella: 7, 4, 6, 1, 2, 3, 5. (7)

**(Total: 7 marki)**

7.1 il-banjijiet pubbliċi (*thermae*) (1)
7.2 Bnew akwidotti għall-ilma tax-xorb. (1)
7.3 il-qerda tal-belt ta' Kartaġni mir-Rumani (1)
7.4 Minħabba li Ċesri ried li jsir imperatur u jmexxi l-Imperu Ruman mingħajr is-Senat. (2)
7.5 L-Imperatur Kostantinu qasam l-Imperu Ruman fi tnejn: wieħed fil-Punent immexxi minn Ruma u l-ieħor fil-Lvant immexxi minn Kostantinopli. (2)
7.6 *Aċċetta tnejn minn dawn l-eżempji ta' tweġibiet:* l-attakki tal-Barbari; il-gwerer ċivili bejn ir-Rumani fl-għażla tal-imperaturi; ir-Rumani tgħażżnu u saru jiddependu wisq fuq l-ilsiera; ħafna Nsara Rumani ma baqgħux leali lejn l-Imperu pagan li kien jippersegwithom. (2)

**(Total: 9 marki)**

8.1 Malta (1)
8.2 L-istudenti jistgħu jsemmu: *żebbuġ* u *fuħħar* (2)
8.3 Dawn kienu tliet gwerer kbar bejn Ruma (Rumani) u Kartaġni (Kartaġiniżi); Dawn kienu tliet gwerer bejn ir-Rumani u l-Kartaġiniżi (Puniċi). (2)
8.4 Il-maqdes ta' Ġuno; it-tempju tas-Silġ (1)
8.5 L-istudenti jistgħu jsemmu żewġ eżempji minn: Id-*Domus* Ruman fir-Ramla l-Ħamra Għawdex , Villa Ta' Kaċċatura f'Birżebbuġa, Villa fiż-Żejtun (fil-Kulleġġ tal-Bniet), Villa ta' San Pawl Milqi f'Burmarrad, il-Banjijiet Rumani (*Thermae*) f'Għajn Tuffieħa, għadd ta' torrijiet Rumani. (2)
8.6 Pretur (1)
8.7 L-istudenti jistgħu jsemmu: *Is-Senat Ruman kien istituzzjoni politika. Kien fih 300 membru magħżula (mhux eletti) minn fost il-patrizji u n-nobbli ta' Ruma. Kienu jagħmlu l-liġijiet, jikkontrollaw l-infiq u jagħtu pariri lill-Konsli u l-Assemblea.* (2)
8.8 Ċiċerun akkużah b'serq ta' affarijiet prezzjużi, drapp ta' Malta, ħwejjeġ qaddisa mit-tempju ta' Ġuno (it-Tempju f'Tas-Silġ) u bwieqi tal-Malti Dijodoru li kien jgħix fi Sqallija. (2)

**(Total: 13-il marka)**

9.1 Mejda tonda maqtugħa mill-blat fid-daħla tal-katakombi. Ħdejn l-agape kienu jbierku l-ġisem tal-mejjet qabel id-difna. Fuq l-agape kienu jiċċelebraw l-ikla tal-Ewkaristija. (2)
9.2 Kien post ta' dfin fi żmien l-ewwel Insara. (2)
9.3 Dawn is-slaleb juru li l-Maltin kienu saru Nsara. (1)

**(Total: 5 marki)**

10.1 Għarab (1)
10.2 il-Biżantini (1)
10.3 *Aċċetta wieħed minn dawn l-eżempji:* Eġittu, Libja, Tuneżija, Alġerija, Marokk, Spanja, Sqallija eċċ. (1)
10.4 L-Islam jew ir-reliġjon Islamika (1)
10.5 Muħammed (1)
10.6 Il-Ħeġira hi l-mawra ta' Muħammed minn Mekka għal Medina (622 W.K); L-Għarab kellhom ħafna allat, iżda meta Muħammed beda jgħallem u jħabbar Alla wieħed, il-poplu qam kontrieh. Muħammed telaq Medina. Din il-mawra hi magħrufa bħala l-Ħeġira; Il-Ħeġira hi meta Muħammed telaq minn Mekka għal Medina għax il-poplu qam kontra tiegħu meta beda jgħallem dwar Alla wieħed u mhux ħafna allat. (2)
10.7 L-istudenti jistgħu jsemmu: *il-lingwa Maltija, ismijiet ta' rħula, l-isem tal-Belt Mdina, kunjomijiet, oqbra.* (2)
10.8 f'Għawdex (1)
10.9 il-qoton (1)
10.10 *Aċċetta waħda minn dawn l-eżempji ta' tweġibiet:* ix-xitla tal-qoton li bdew ikabbru; il-ħitan tas-sejjieħ; ir-razzett; is-sienja; is-siġar taċ-ċitru; l-ilsien Malti; kunjomijiet b'oriġini semitika; ismijiet ta' postijiet semitiċi fil-Gżejjer Maltin. (1)

**(Total: 12-il marka)**

11. Il-marki għandhom jingħataw għall-espożizzjoni tal-fatti u l-interpretazzjoni tagħhom. Żbalji tal-ortografija m'għandhomx jiġu penalizzati.

**(Total: 14-il marka)**

| **<u>History</u>** | <u>Livelli 5-8</u> **Maltese Version**<br><br>**L-Iskema tal-Marki**<br><br>Paġna 1 Eż 5 Nru 5.3<br>Il-marka trid tkun (2) mhux (1)<br>Paġna 1 Eż 5 Nru 5.7<br>Il-marka trid tkun (5) mhux (6) |
|---|---|